Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 318/2009

**Midway Travel Services Ltd.**

**vs**

**Max Diner Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas mitt Euro (€100), u dan wara li kienet hadet biljetti ta' l-ajru ghall-ammont ta' sitt mija u tmienja u tletin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€638.24) u hallset hames mija u tmienja u tletin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€538.24).

Is-socjeta' konvenuta rregistrat ammissjoni li hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' mitt Euro (€100) u dan fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2009.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Peress illi hemm ammissjoni da parti tas-socjeta' konvenuta, li hija debitrici tas-socjeta' attrici, it-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici, kif dedotta u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mitt Euro (€100), bilanc minn somma akbar li thallset fuq akkwist ta' biljetti ta'l-ajru.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------